MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 886/2006

**Francis Busuttil & Sons Limited (C334) flimkien mal-kumpanija Francis Busuttil & Sons (Marketing Limited) [C24137] maghrufa bhala FBS Limited** [1]

**vs**

**Philip Borg;**
**Albert Borg;**
**Cosma & Simon Supplies Ltd (C17468);**
**Gino Sultana Supplies Ltd (C17643)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Francis Busuttil & Sons Limited li, wara li ppremettiet illi:

[1] Korrezzjoni awtorizzata skond digriet moghti min din il-Qorti fid-9 ta’ Jannar, 2012.

Is-socjeta rikorrent, maghruf fuq is-suq bhala FBS, hija l-importatur ufficjali tal-prodotti tac-cikulata, helu u/jew gelati li jgibu l-marki **Mars™, Twix™, Snickers™, Bounty™, Skittles™, Maltesers™, M&M's™, Starbust™, Galaxy™, Ministrels™, Celebrations™, u Milky Way™** u ilha timporta dawn il-prodotti ghal bosta snin, tant li bniet reputazzjoni tajba fis-suq u, bi spiza kbira ghaliha, thaddan sistemi moderni u attrezzati biex tizgura t-tjubija u l-kwalita' tal-merkanzija li tasal ghand il-konsumatur;

Dawn l-istess prodotti impurtati mis-socjeta' rikorrenti kollha jgibu, fuq il-pakkett individwali u/jew fuq il-kaxxa l-isem '**FBS Limited, Santa Venera Square, Malta**';

Is-socjetajiet intimati bdew jimpurtaw, jinnegozjaw jew mod iehor jispiccaw fuq is-suq ta' Malta u Ghawdex dawn l-istess prodotti, tant li anke l-marki huma identici; u ghandhom tikketta ossia packaging li tirriproduci isem ir-rikorrenti bhala l-impurtatur f'Malta l-prodotti in kwistjoni;

Wara l-hrug ta' mandat ta' deskrizzjoni Nru. 1418/06, gie kkonfermat li l-intimati kollha kellhom il-pussess tal-prodotti msemmija, bl-istess marki;

Ghalhekk, l-intimati qeghdin jaghmlu l-uzu tal-isem tal-kompetitur taghhom, is-socjeta' rikorrenti, fil-kors tan-negozju u in oltre, il-prodotti importanti jikkontjenu falsita' fis-sens li hemm indikazzjoni inveritiera tal-identita' tal-impurtatur f'Malta;

L-agir tal-intimati qed tohloq konfuzjoni kbir fis-suq peress li l-prodotti tal-intimati spaccati kif fuq premess jaghtu x'jifhmu li gew impurtati mir-rikorrenti meta fil-fatt iddahhlu mill-intimati;

Gara fil-fatt li xi konsumaturi pprezentaw xi ilmenti lir-rikorrenti dwar dawn il-prodotti, ghal-liema ilmenti naturalment, ma setghux ikunu responsabbli r-rikorrenti billi ddahhlu mill-intimati;

L-importazzjoni ta’ dawn il-prodotti u l-ispaccar taghhom fuq is-suq lokali huwa ta’ pregudizzju ghandu drittijiet tar-rikorrenti, kif ukoll iwassal ghall-konfuzjoni fis-suq u jista’ jwassal ghall-pregudizzju serju kontra r-rikorrent f’kaz li xi prodott minn dawk imsemmija jirrizulta avarja u/jew mhux tajjeb ghall-konsum, u dan kif fil-fatt gia’ gara precedentement.

Talbu l-intimati jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tinibixxi lir-rikorrenti, ghar-ragunijiet premessi f’dan ir-rikors milli jinnegozjaw f’Malta fil-prodotti **Mars™, Twix™, Snickers™, Bounty™, Skittles™, Maltesers™, M&M’s™, Starbust™, Galaxy™, Ministrels™, Celebrations™, u Milky Way™** sakemm dawn il-prodotti jaslu Malta bl-isem tal-“FBS Limited” fuq il-pakketti individwali u/jew kaxex taghhom;

Tiddikjara illi l-intimati kisru l-projbizzjonijiet fuq il-limiti tal-konkorrenza ai termini tal-artikli 32, u/jew 33 u/jew 34 tal-Kodici ta’ Kummerc;

Konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ rikorrenti kagun tal-agir tal-intimati jew min minnhom;

Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv;

Tordna u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jeqirdu l-prodotti kollha minnhom impurtati bil-marki tar-rikorrent.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-atti relattivi kollha inkluz dawk tal-mandat ta’ deskrizzjoni numru 1418/06 u tal-mandat ta’ inibizzjoni 1434/06; u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv;

U b’rizerva ta’ kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti u bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-intimati u/jew ir-rapprezentanti taghhom.

Rat ir-risposta ta' Philip Borg u Albert Borg, li in forza taghha eccepew illi:

L-intimati Philip Borg u Albert Borg qeghdin jimpurtaw u jiddistribwixxu fis-suq lokali, il-prodotti tac-cikkulata u l-helu u l-gelati mertu ta' din il-kawza konformement mal-ligijiet u r-regolamenti sew lokali kif ukoll internazzjonali u l-azzjoni odjerna hija intiza semplicement sabiex tipprova xxekkel mill-ezercizzju hieles tal-kummerc tal-intimati kontra kull norma Ewropea u Internazzjonali dwar il-kummerc hieles u titqies "in restraint of trade".

Hija assolutament inveritjera l-allegazzjonijiet tas-socjetajiet rikorrenti li kien hemm xi ilmenti dwar il-prodotti distribwiti mill-intimati fis-suq lokali, allegazzjoni semplicement intiza biex thammeg ir-reputazzjoni tajba tal-intimati fil-kummerc.

Fil-fatt, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, diversament presjeduta, cahdet lis-socjetajiet rikorrenti, talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (Inib. 1434/06 FS), li permezz tieghu, is-socjetajiet rikorrenti, a bazi tal-istess kawzali tal-azzjoni odjerna, ippruvaw iwaqqfu lill-intimati milli jimpurtaw u jispaccjaw fis-suq lokali l-prodotti mertu ta' din il-kawza.

Rat ir-risposta ta' Cosma and Simon Supplies Limited, li eccepiet illi:

It-talbiet tal-atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi dak li qed jippretendu s-socjetajiet attrici huwa totalment kontra l-Ligi. L-esponenti ghandhom kull dritt li jbieghu prodotti impurtati skond il-Ligi u ghalhekk is-socjetajiet attrici ma ghandhom l-ebda dritt li jzommhom milli jaghmlu dan. Ghalhekk, l-ewwel u t-tieni talba tas-socjetajiet attrici ghandhom jigu michuda.

Il-fatt li l-esponenti qed jaghmlu bejgh ta' prodotti impurtati skond il-Ligi, bl-ebda mod ma hu jikkrea xi danni lis-socjetajiet attrici u ghalhekk it-tielet, ir-raba' u l-hames talba ma ghandhomx jigu milqugha.

Rat ir-risposta ta' Gino Sultana Supplies Limited, li eccepiet illi:

It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Fid-dawl tar-regolament (EC) 1/2003 tal-Council Regulations u regolamenti ohra ancillari u relattivi, u tal-Kap. 379 kif emendat bl-Atti VI tal-2003 u III tal-2004, m'hemm xejn xi jzomm lill-esponenti milli jinnegozja u jixtri biex jerga' jbiegh il-prodotti msemmija minghand produtturi, grossisti, bejjiegha u importaturi ohra fl-Ewropa, anzi l-agir tas-socjetajiet rikorrenti li qed jipprovaw joholqu monopolji u johonqu s-suq hieles u kompetizzjoni gusta jmur kontra dak li jistabilixxu l-istess regolamenti u ligi;

Jidher li s-socjetajiet rikorrenti jinsabu maqtughin ghal kollox mir-realtajiet prezenti kemm tas-suq lokali kif ukoll tas-swieq ewropej kollha fejn illum ma jezistu ebda fruntieri bejn il-pajjizi membri dwar kummerc hieles u ma jistghux, anzi, ma jridux jifhmu li llum, kull grossista, bejjiegh u importatur fl-Ewropa ghandu d-dritt li jqassam u jbiegh il-prodotti tieghu jew prodotti importati minnu f'kull pajjiz tal-Ewropa minghajr ebda restrizzjoni. Ma jirrizultax, anzi mid-dokumenti nnifishom esebiti mir-rikorrenti fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1434/06 debitament michud, ghandu jirrizulta l-kuntrarju ta' dak li qeghdin jikkontendu r-rikorrenti li ghandhom xi esklussivita' fl-importazzjoni, bejgh u distribuzzjoni tal-prodotti msemmija fis-swieq ewropej;

M'hemm xejn xi jzomm lill-esponenti milli jixtri biex ibiegh il-prodotti tal-markju msemmija fir-rikors guramentat minghand importaturi ohra fl-Ewropa u ma tezisti ebda restrizzjoni ghall-importaturi ohra f'pajjizi membri tal-Unjoni Ewropea milli jiddistribwixxu ghall-bejgh il-prodotti importati minnhom fil-pajjizi membri tal-istess Unjoni inkluz f'Malta.

Rat id-dokumenti.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet u n-nota ta’ referenzi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, is-socjeta’ rikorrenti qed titlob lil din il-Qorti zzomm lill-intimati milli jbieghu prodotti tal-helu b’isimha fuqhom. Qed titlob ukoll dikjarazzjoni li l-intimati kisru l-projbizzjonijiet tal-Art. 32, 33 u/jew 34 tal-Kodici tal-Kummerc. Qed titlob ukoll danni konsegwenzjali. L-intimati kollha jsostnu li huma ma ghamlu xejn kontra l-ligi.

Jirrizulta pruvat illi l-intimati jew impurtaw jew innegozjaw il-prodotti tal-helu tal-isem Mars, Snickers, Bounty eccetra.jirrizulta pruvat ukoll illi l-oggetti hekk mibjugha kollha kienu mmarkati b’isem is-socjeta’ rikorrenti bhala importatur. Il-fatt gie pruvat mir-rikorrenti u bl-ebda mod ma gie kontestat. Gew esebiti in atti, ritratti, kopji ta’ packaging u ukoll xhieda ohra.

L-intimati jqisu l-agir taghhom bhala att normali ta’ parallel trading li huwa perfettament lecitu. Ghar-rigward ta’ parallel trading, huwa ben stabbilit, kemm fil-ligi lokali kif ukoll fir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea. Sa mill-1955, dawn il-Qrati rritenew illi:

“*Il-fatt li wiehed jesebixxi ghall-bejgh lokalment oggetti li ghall-fornitura taghhom kummercjant iehor ikun gie nominat koncessjonarju esklussiv mid-ditta ta’ barra, u dan jaghmlu minghajr ma jkun irtira dawk l-oggetti minghand il-koncessjonarju lokali, billi jkun importahom jew akkwistahom b’dannu tal-importazzjoni esklussiva li ghaliha dak il-koncessjonarju ghandu dritt, ma jidholx fl-ebda wahda mill-forom ta’ konkorrenza sleali previsti mil-legislatur, u ghalhekk ma jikkostitwix konkorrenza sleali.*”

U aktar ricenti:

"*Min jallega l-ezistenza ta' uzanza kummercjali jrid igib il-provi li dik l-uzanza tassew tezisti. Din l-uzanza trid tirrizulta b'mod car u univoku u trid tingieb il-prova li din l-uzanza ilha tezisti ghal numru ta' snin.*

*F'Malta ma tezisti ebda uzanza kummercjali fis-sens illi, jekk hawn Malta jkun hawn agent ta' prodott importat minn barra, hadd aktar ma ghandu jimporta jew akkwista dan il-prodott biex ibieghu f'Malta hlief tramite l-agent Malti",* ("**Paul Pace vs Paul Gauci**", deciza mill-Qorti tal-Kummerc, fit-30 ta' Gunju 1993).

Madanakollu, dan stabbilit, il-Qorti tkompli biex tenfasizza illi:

"*Il-ligi tipprovdi biss il-forom l-aktar soliti ta' konkorrenza sleali, u mhix lecita l-estensjoni ta' dawk il-kazijiet ghall-kazijiet ohra mhux preveduti mil-ligi; ghax il-kazijiet ta' konkorrenza sleali imsemmijin fil-ligi huma tassattivi, billi huma veri u proprji delitti kummercjali li jaghtu lok ghall-konsegwenzi serji hafna*", ("**Neg. Victor A. La Rosa vs Neg. Carmelo Borg**", deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Marzu 1956).

Il-fatti li qed tilmenta minnhom is-socjeta' rikorrenti jmorru aktar minn semplici parallel trading. Is-socjeta' rikorrenti, issibha skomda kemm issibha skomda hija ben konxja tal-fatt li m'ghandha ebda dritt izzomm l-importazzjoni tal-istess oggetti minn haddiehor, anke jekk din tikkrea lilha kompetizzjoni fis-suq. Li qed topponi ghalih is-socjeta' rikorrenti huwa l-fatt li l-oggetti impurtati u mibjughin mill-kompetituri taghha, igibu fuq l-ippakkeggjar taghhom, isimha.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-agir jaqa' fil-parametri tal-provvedimenti tal-Kodici tal-Kummerc kif pretiz mis-socjeta' rikorrenti. Jaghti l-impressjoni u jikkrea misrapprezentazzjoni u allura tahwid u tqarrieq. It-tikketta tal-oggett qed tghid li gie impurtat minn F. Busuttil & Sons Limited u taghti l-indirizz tal-istess meta din is-socjeta' ma kellha x'taqsam xejn mal-importazzjoni. F'dan il-kuntest, il-

Qorti taghmel l-iskrutinju taghha "con riguardo all'impressioni compressiva che puo' ricevere il pubblico medio" (Francesco Ferrara, "La Teoria Generale dell'Azienda"), kif citat fis-sentenza "**Muscat Scerri noe vs Bonnici noe**" (Appell Kummercjali, 8 ta' Lulju 1980) u "**Gauci Maistre noe vs Mizzi noe**" (Prim'Awla, Imhallef Ph. Sciberras, 31 ta' Jannar 2003).

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti tqis gustifikata it-talba tar-rikorrenti li l-intimati kisru l-provvedimenti tal-Art. 32 fis-sens li ghamlu uzu ta' ismijiet fittizji li jistghu jqarrqu fuq il-vera importanza tad-ditta. Kisru ukoll il-provvedimenti tal-Art. 33 li jimpedixxi kummercjant milli jaghmel uzu ta' indikazzjoni falza tal-origini tal-merkanzija.

L-Art. 37 (1) imbaghad jipprovdi illi:

"*Il-kummercjant li jikser xi wahda mill-projbizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 32 sas-36, inkluzivament, hu suggett ghall-azzjoni tad-danni u l-imghaxijiet jew, kif jaghzel il-kummercjant danneggjat, ghall-penali. Barra minn dan, il-kummercjant danneggjat jista' jitlob li dak kollu li jkun sar kontra l-projbizzjonijiet hawn fuq imsemmija jigi meqrud, jew li jigi ordnat kull rimedju iehor illi jista', skond ma jkunu c-cirkostanzi, inehhi l-att li bih tkun saret il-konkorrenza mhux lecita.*"

Fil-kaz in ezami, is-socjeta' rikorrenti ghazlet li titlob danni u imghaxijiet. Ghalkemm ingabet provi li gew rekati danni, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Franco Busuttil u ta' Nadine Spiteri, dawn ma gewx kwantifikati. Ghalhekk, il-Qorti qieghda tiffissa ammont "*arbitrio boni viri*" ta' hamest elef Ewro (€5000) bl-imghaxijiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati;

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba fis-sens illi tiddikjara illi l-intimati kisru l-Art. 33 u 34 tal-Kodici tal-Kummerc;

3. Tilqa’ t-tielet talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta’ hamest elef Ewro (€5000);

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tikkundanna l-intimati in solidum bejniethom ihallsu lis-socjetajiet attrici s-somma ta’ hamest elef Ewro (€5000), bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament;

5. Tilqa’ l-hames talba.

L-ispejjez tal-kawza, kif mitluba fir-rikors promotur, jithallsu mill-intimati fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------